# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 23**

**Avviz numru 82/01/SM**

**John's Garage Ltd.**

**vs**

**Tuninter Airlines**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (LM310.48,0) ta' kiri ta' karozzi;**

**Bl-imghaxijiet kummercali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-27 t'April tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet**

**tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**